MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1700/2002

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Anne Jacqueline Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Lulju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hames mija u disa' u ghoxrin lira Maltin (Lm529.00) rappresentanti in kwantu ghas-somma ta' Lm246.00 import ta' sitt kambjali (Dok. 1 sa 6) li d-data tal-maturita' taghhom skadiet, u l kwantu ghas-somma ta' Lm244.00 prezz ta' merci lilha mibjugha u kkonsenjata u in kwantu ghas-somma ta' Lm39.00 bhala imghaxijiet legali dovuti sal-lum fuq dawn l-ammonti. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. John Buttigieg in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hames mija u disa' u ghoxrin lira Maltin (Lm529.00) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**